**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 1 ta’ Gunju 2022**

Rikors Numru: 156/22 AL

A B C

vs

D C

(MR Numru 226/1997)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi hija zzewwget lill-intimat D C nhar it-tmienja (8) ta' Marzu tas-sena elf disgha mija u sebgha u disghin (08/03/1997) fil-Knisja Parrokjali ta' Hal Tarxien, liema zwieg huwa registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru mitejn sitta u ghoxrin sbarra elf disa' mija u sebgha u disghin (226/1997) kif iccertifikat mid-dokument anness u mmarkat bhala Dok "A";

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel wiehed u cioe' E illi twield nhar it- tlieta (3) ta' April tas-sena elf disa' mija u sebgha u disghin (03/04/1997) u ghalhekk illum huwa maggorenni;

3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt ippubblikat minn Nutar Dottor Joseph Henry Sciriha tad-disgha (9) ta' Dicembru tas-sena elf disgha mija u disgha u disghin (09/12/1999) li kopja tieghu tinsab hawn unita u mmarkata Dok. "B".

4. Illi r-rikorrenti qieghda tiddikjara illi l-manteniment huwa regolat permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness;

5. Illi ir-rikorrent minn dejjem kellha u ghad ghandha residenza ordinarja taghha f'Malta;

6. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il partijiet stante illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin ghal tnejn u ghoxrin (22) sena u llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

7. Illi ghaldaqstant, jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghal-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet Frances Ann Farrugia u Jason Farrugia

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

I. TIDDIKJARA li z-zwieg tar-rikorrenti li gie iccelebrat ma' D C nhar it-tmienja (8) ta' Marzu tas-sena elf disgha mija u sebgha u disghin (08/03/1997) fil-Knisja Parrokjali ta' Hal Tarxien, liema zwieg huwa registrat fir Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru mitejn sitta u ghoxrin sbarra elf disa' mija u sebgha u disghin (226/1997) hu mahlul, u li ghalhekk l-partijiet huma divorzjati ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi,

II. TORDNA lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan ikun hekk registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavits bix-xiehda taż-żewġ rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' April, 2022;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma deherx fis-seduta u ma pprezentax risposta

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta' Dicembru 1999;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.